**QORTI TAL-MAĠISTRATI - MALTA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Avviż Nru 50/2021 LC

**Nicholas Magro**
**(K.I. 539263M)**

vs

**Christian Isopo**
**(K.I. 0222247A)**

Illum, 8 ta’ Novembru 2023

**SENTENZA**

Il-Qorti;

Rat l-Avviż ta’ Nicholas Magro fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta’ €8,725 rappreżentati bilanċ ta’ xogħol tal-injam (*wood works*), liema xogħolijiet saru fuq struzzjonijiet tal-intimat skond prospett hawn anness u mmarkat bħala Dokument A.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, kompriża dawk ta’ mandat ta’ sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment, liema intimat huma minn issa nġunt għas-subizzjoni u bl-interessi.

Ra r-risposta tal-intimat Christian Isopo fejn jeċċepixxa illi:

1) Illi l-intimat qatt ma kkuntratta fil-vesti personali tiegħu u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

2) Illi t-talbiet attriċi huma preskritti **jew** bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2149 (a);

3) Illi in ogni każ ebda ammont mhux dovut mill-esponenti;

4) Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2021 il-Qorti ordnat l-inverżjoni tal-provi limitatament fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidrat;

Illi mill-fatti kif esposti sa dan l-istadju jirriżulta illi l-partijiet ftehmu li r-rikorrenti kellu jwettaq xi xogħolijiet ta' mastrudaxxa fil-ħanut tal-intimat u dan għall-prezz komplessiv ta' €15,000. Jirriżulta illi l-intimat għamel xi pagamenti akkont lir-rikorrenti. Filfatt jirriżulta illi fit-3 ta' Novembru 2015 sar pagament ta' €500, sar pagament ieħor mhux datat ta' €1,500; fid-29 ta' Diċembru 2016 sar pagament ieħor ta' €3,540; sar pagament ieħor mhux datat ta' €2,500 u pagament datat is-07 ta' Marzu 2017 fl-ammont ta' €500. Jirriżulta li fid-19 ta' Lulju 2017, il-kontraenti kellhom xi argument u t-tfajla tal-intimat għamlet rapport mal-pulizija fejn stqarret illi hija lesta li tħallas il-bilanċ rimanenti iżda l-ewwel iridu jitlestew ix-xogħolijiet.

Illi l-intimat qiegħed jeċċepixxi l-preskrizzjoni jew ai termini tal-Artikolu 2148(a) jew tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola illi:-

> ***2148.*** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
>
> *(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta'persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;*

Filwaqt li l-Artikolu 2149 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola illi

> ***2149.*** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjonibl-egħluq ta' sentejn:*
>
> *(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi r-rikorrenti ġie ngaġġat bħala mastrudaxxa sabiex jagħmel xogħolijiet tal-injam. Illi l-Artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiffoka, *inter alia*, fuq "*kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħolijiet oħra ta' injam".* Fil-fehma tal-Qorti dan l-artikolu japplika għal kuntratturi ta' diversi xogħolijiet. Mill-provi prodotti, ma rriżultax illi r-rikorrent serva ta' kuntrattur għal xogħol tal-injam iżda biss li kien ħaddiem fir-rigward tal-injam. B'hekk, hija l-fehma tal-Qorti li l-Artikolu 2148 tal-Kap. 16 huwa applikabbli għal din l-eċċezzjoni u l-perjodu preskrittiv huwa dak ta' tmintax-il xahar.

Stabbilit dan, imiss issa li jiġi eżaminat jekk iddekorriex, jew inkisirx, il-perjodu preskrittiv.

Illi bħala stat ta' fatt jirriżulta li fit-28 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrenti bagħat ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta lill-intimat, liema ittra ġiet respinta permezz ta' nota datata l-5 ta' Novembru 2019. Il-proċeduri odjerni, min-naħa l-oħra, ġew inizzjati fit-2 ta' Marzu 2021. Ma tressqitx prova illi bejn it-28 ta' Ottubru 2019 u 2 ta' Marzu 2021 kien hemm xi att ġudizzjarju ieħor immess mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat.

Ikkonsidrat;

Illi r-rikorrenti, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jargumenta illi l-intimat f'diversi okkażjonijiet ikkonferma li għad fadal bilanċ x'jitħallas lir-rikorrenti. Dan l-argument, naturalment, qed jagħmlu biex jittenta jipprova illi l-intimat għaraf il-jedd tar-rikorrenti li jitħallas ai termini tal-Artikolu 2133 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-ewwel eżempju li r-rikorrenti jagħti ta' tali allegat ksur huwa l-konfessjoni magħmula mill-partner tal-intimat fir-rapport tal-Pulizija. Filfatt, fir-rapport msemmi u datat 19 ta' Lulju 2017, Ewa Milewska tgħid li "*it's not a problem to give him the Money, but before he has to fix the unfinished work*." Illi jekk, għall-grazzja tal-argument biss, din l-istqarrija da parti ta' terz kellha tittieħed bħala konfessjoni, il-perjodu preskrittiv kien jagħlaq fid-19 ta' Jannar 2019. Illi sussegwentement għal dan l-episodju, ir-rikorrenti bagħat intimazzjoni ġudizzjarja ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fit-28 ta' Ottubru 2019 u ċioe' <u>wara</u> l-għeluq tal-perjodu ta' preskrizzjoni u ferm wara l-perjodu preskritt mill-Artikolu 2131 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet ta' din l-azzjoni. Illi b'hekk, il-Qorti ssib li l-perjodu preskrittiv laħaq iddekorra qabel ma ġiet sottomessa l-interpellazzjoni ġudizzjarja.

Ikkonsidrat;

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrenti jargumenta wkoll illi l-intimat fl-ebda mument ma' nnega li għad fadallu jagħti xi flus, anzi, skont hu, l-intimat jgħid li ħallas ferm aktar minn dak li kien wettaq in kwantu ta' xogħolijiet. Illi huwa jargumenta li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tikkozza mad-dikjarazzjoni li l-istess intimat għamel dwar il-pagamenti u x-xogħolijiet.

Illi mistoqsi in kontro-eżami, madanakollu, l-intimat jgħid li r-rikorrenti tħallas aktar mix-xogħol li kien jagħmel. Qal li r-rikorrenti "*għamel inqas min-nofs ix-xogħol li kellu jagħmel u allura* ***aħna ma kellna nagħtu xejn lis-Sur Magro*** *għax-xogħol li kien għamel għaliex għamel bejn wieħed u ieħor, nofs ix-xogħolijiet u kien ġa tħallas ħafna aktar minn dak in-nofs*."[1] (emfasi ta' din il-Qorti).

Illi dwar ir-rinunzja taċita u l-apprezzament tagħha, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **John Borg vs Nobbli Maria Testaferrata Boniċi:**[2]

> *"Issa, din hi kwistjoni ta' apprezzament rimessa għall-ġudizzju u l-prudenza tal-ġudikant, u dwarha, għalhekk, ma hemmx regoli "a priori". Biss, f'dan l-eżami għandu naturalment iseħħ il-prinċipju li jiggoverna kwalunkwe rinunzja tacita, ċjoè illi il-fatt li minnu tiġi ndotta r-rinunzja taċita jeħtieġ ikun tali li ma jistgħax raġjonevolment jiġi nterpretat mod ieħor għajr illi min għamlu ried jirrinunzja. Dan ifisser illi, biex jista' jingħad illi l-konvenuta rrinunzjat taċitament għall-preskrizzjoni issa eċċepita minnha, jeħtieġ illi il-Qorti tkun sodisfatta illi l-għemil tagħha huwa inkompatibbli mal-volontà tagħha li tavvantaġġja ruħha mill-preskrizzjoni akkwistata;"*

Il-Qorti ma tarax li b'dak li qal l-intimat fix-xhieda tiegħu b'xi mod jista' jitqies bħala li huwa inkompatibbli mal-volontà tiegħu li jżomm mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Anzi bil-maqlub. L-intimat qed jgħid li ħallas

---

[1] Ara fol, 38 tal-atti proċesswali
[2] **John Borg vs Nobbli Maria Testaferrata Boniċi**, Qorti tal-Appell, 24 ta' Marzu 1958

oltre minn dak li kien dovut għax-xogħolijiet li saru – dikjarazzjoni li fil-fehma tal-Qorti tkompli ssaħħaħ it-teżi tal-intimat li m’għandu jagħti xejn aktar lir-rikorrenti.

Illi b’hekk, il-Qorti ma tarax li l-intimat b’xi mod aċċetta taċitament li huwa debitur tar-rikorrenti u konsegwentement, stante li ma kien hemm ebda rikonoxximent taċitu qed issib illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa’ t-tieni eċċezzjoni tal-intimat u qed tiddikjara l-proċeduri odjerni bħala preskritti ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

L-ispejjeż huma a karigu esklussiv tar-rikorrenti.

**Ft. Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**